# Birkirkara Matul il-Ħakma Franċiża

Kitba ta' SAL

*Meta l-Maltin ħassew, imbagħad iddeċidew li l-ħakma Franċiża fuq Malta kellha tintemm, Birkirkara u l-Karkariżi taw is-sehem importanti tagħhom biex dan seta' jseħħ. Postijiet bħall-Batterija t-Twila f' Ta' l-Għargħar, il-Forti Manoel u Marsamxett, ir-Razzett Ta' Xindi, l-Arkata l-Baxxa u l-għorfa tal-Balal, kif ukoll nies qalbiena u patrijotti Karkariżi bħall-Kavallier Ċensu Borg Brared, Anġlu Mallia, Ġanni Borg, il-Prepostu Pietru Pawl Micallef u Pietru Psaila: kollha għandhom post xieraq fil-ġrajjiet ta' dak il-periodu mqalleb ta' l-istorja ta' Malta.*

Sfortunatament qed titrawwem tendenza biex dawn il-merti ta' Birkirkara jintesew u l-unuri jeħodhom ħaddieħor, bħalma qed isir dwar il-Batterija ta' l-Għargħar, dwar l-ewwel tlugħ tal-Bandiera Ingliża f'Malta u dwar ir-Razzett ta' Xindi li kien iservi ta' kwartier ġenerali tal-Kmandant tal-Battaljun ta' Birkirkara.



Il-Karkariżi għaddew minn tiġrib, tbatijiet, faqar, ġuħ, u mhux ftit tribulazzjonijiet oħra biex setgħu jagħtu s-sehem sħiħ u ewlieni tagħhom għall-ħelsien ta' Malta mill-ħakma Franċiża li kienet qasira iżda despotika.



F'dak iż-żmien il-Prepostu-Arċipriet kien il-Karkariż Duttur Dun Pietru Pawl Micallef, li kien sar prepostu bis-saħħa ta' diversi sentenzi mill-Qrati ta' Ruma, wara li dak ta' qablu kien ġie mġiegħel jirriżenja billi ma kienx minn Birkirkara. F'dokument iffirmat nhar l-4 ta' Jannar 1799 mill-istess Prepostu Micallef u minn kanonku ieħor, il-Penitenzier Dun Pietru Gatt, hemm din l-istqarrija:

Aħna, il-Prepostu, il-Kapitlu u l-kleru u s-sidien tal-propjeta' fit-territorju ta' Birkirkara, inħossu li għandna nagħmlu kulma nistgħu biex ngħelbu n-nuqqas ta' ikel u ta' flus fl-idejn. Għalhekk tant aħna,

kif ukoll is-sidien ta' propjeta' f'Birkirkara, qed nipotekaw il-beni tagħna kollha ħalli jinġiebu f'Malta b'urġenza provvisti ta' l-ikel li tant ninħtieġu. Kull wieħed minna qed iwiegħed li jħallas, skond kemm propjeta' għandu, għal elfejn salma[1] qamħ, elfejn salma xgħir, u provvisti oħra ta' ikel meħtieġa għall-battaljun u għall-poplu ta' Birkirkara.

Għal dan il-għan u biex jiġbru l-flus imwiegħda u jġibu l-proviżjon ta' l-ikel minn barra minn Malta, inħatru l-imsemmi Prepostu, flimkien mal-kanonċi Dun Franġisk Debono u l-Penitenzier Dun Pietru Gatt, kif ukoll Dun Salv Borg u Dun Franġisk Sammut[2], it-tabib Pawlu Borg, Patist Sciortino, Girgor Gatt u Franġisk Gauci.

Imma biex wieħed ikompli jifhem minn liema tbatijiet għadda l-poplu ta' Birkirkara f'dak iż-żmien ta' taqlib u tiġrib, nisimgħu l-kelma ta' l-istess Kmandant tal-Battaljun Karkariż, l-Imsemmi Ċensu Borg Brared, li f'dikjarazzjoni li kien għamel quddiem nutar fis-17 ta' Settembru 1800 u li ħalifha nhar l-20 ta' Novembru ta' l-istess sena, kien qal hekk:

Kont infaqt il-flus kollha li kelli biex inżomm il-Battaljun li kien ikkampjat fl-Għargħar. Kien hemm ċertu Ġużeppi Xicluna li kien fadallu kwantitaċ ta' kutnina, u jien tlabtu b'urġenza biex jgħaddihieli f'idejja ħalli nkun nista' nixtri provvisti ta' ikel, u mbagħad 'il quddiem inħallsu tagħha. Huwa laqa' t-talba tiegħi; u minn din il-kutnina jiena daħħalt elf skud. Aktar tard ħallastu lura.

Iżda l-ħtieġa kbira ta' ikel għall-Battaljun, li kien l-akbar wieħed ta' Malta b'600 suldat, kollha bl-uniformi tagħhom, kif ukoll għall-popolazzjoni ta' Birkirkara, baqgħet tinħass, anzi żdiedet wara ftit taż-żmien. F'Malta ma kienx hawn iżjed qamħ u xgħir; u jiena ħassejtni ddisprat għaliex ma kellix x'nitma la lis-suldati tiegħi u l-anqas lil ħuti l-Karkariżi.

Għalhekk dort għall-kutnina tiegħi personali li kien għad baqagħli, u flimkien ma' dak li kellhom l-imsemmijin Franġisk Sammut u Ġużeppi Xicluna, u anki Franġisk Mangion, bgħatt kollox fi Sqallija, fil-belt ta' Licata, f'idejn il-Baruni Frangipane. Bil-ħlas quddiem, dan is-sinjur malajr ħa ħsieb jibgħatli f' Malta tagħbija qamħ u xgħir li jiena għaddejthom lill-Battaljun tiegħi u lid-deputati tal-poplu ta' Birkirkara.

Minn sorsi oħra hu magħruf li biex ilaħħaq aħjar ma' l-ispejjeż ħalli jkun jista' jitma' lis-suldati tiegħu u lin-nies ta' Birkirkara, Brared biegħ ukoll saħansitra l-bhejjem kollha li kienu tiegħu personali, u wasal biex kellu jiddejjen somom ta' flus, għalkemm hu kien tat-tajjeb.

Sadanittant, skond ma ddikjara aktar tard il-Kavallier Brared stess:

... meta jien kont Kap ta' Birkirkara u Kmandant tal-Kamp tal-Għargħar, kont iddubbajt mingħand il-Kap tal-Port ta' San Pawl il-Baħar, li kien il-kanonku Caruana, bettija żejt li ġibtha mill-knisja ta' San Pawl[3] biex jinqdew is-suldati taħt il-kmand tiegħi. Dan iż-żejt kien ta' ċertu Beneditt Gusman li kien xtaq li jiġi mqassam fost il-Maltin kollha.

Wieħed mis-suldati voluntieri u qalbenin li spikkaw l-aktar matul l-Imblokk tal-Franċiżi mill-Maltin, kien il-Karkariż Ġanni Mifsud. Għal dan is-suldat ta' ħila mhux

1 Kejl ta' volum ta' żrieragħ u simili, magħruf ukoll bħala modd.
2 Aktar tard kien sar Prepostu.
3 Din hija s-santwarju li llum jinsab ħdejn il-Gillieru.

komuni, l-imsemmi Kamandant tal-Battaljun Ċensu Brared, nhar it-22 ta' Jannar 1807 kiteb dan il-kliem ta' tifħir: Matul il-gwerra kollha kontra l-Franċiżi, Ġanni Mifsud serva fil-Kamp ta' l-Għargħar bħala suldat. Hu ma naqas qatt li jieħu parti fid-difiża kull meta l-Franċiżi kienu jazzardaw joħorġu mill-Belt Valletta biex jattakkaw il-kampanja; kif ukoll meta n-nies tagħna kienu jifthu xi attakk kontra l-għadu, speċjalment fuq il-Forti Manoel. Jum minnhom, waqt li dan Mifsud kien ma' sħabu jispara fuq l-għassiesa li l-Franċiżi kellhom fuq quddiem, b'xorti ħażina waqa' ħajt fuqu hekk kif ġie milqut mill-balal ta' l-għadu. Mifsud dejjem obda l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu.

Aktarx li dan is-suldat Karkariż midrub, ittieħed biex jiddewwa fid-dar kbira li Brared kellu f'Birkirkara, ftit 'l isfel mill-knisja filjali ta' Santu Rokku, u li kienet qed isservi ta' sptar.

Żgur li kieku ma kienx għall-Kap ta' Birkirkara u Kmandant tal-Battaljun qawwi u qalbieni tiegħu, il-Karkariżi kienu jbatu aktar milli batew waqt il-ħakma u l-imblokk tal-Franċiżi bejn l-1798 u l-1800. Kien għalhekk xieraq li l-Kapitlu Elenjan, li Brared tant ħabb f'ħajtu, b'rikonoxxenza irregala lil dan il-benefattur insinji, qabar li kien tħaffer ġdid fil-kennierja tal-kolleġġjata fejn ġie midfun. Tqiegħdet ukoll lapida ta' l-irħam fl-aktar post prominenti fil-korsija tal-knisja.

Il-Gvern Ingliż ukoll, li Malta kienet għadha kif għaddiet taħt il-protezzjoni tiegħu, irrikonoxxa b'mod prattiku l-ħidma u s-sagrifiċċji bla qies, anki finanzjarji, li kienu twettqu minn Brared, u kien għalhekk li tah il-medalja tad-deheb PATRIA LIBERATA u ħatru Kavallier ta' l-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ.



Minbarra dak kollu li kien għamel f'ħajti għall-poplu ta' Birkirkara, inkluża l-vara ta' Santa Liena, dan il-benefattur prinċipali ried li anki wara li jkun miet jibqa' jagħmillu l-ġid. Għalhekk fit-testment tiegħu ħalla s-somma mhux żgħira ta' 4,000 skud biex titqassam fost il-foqra Karkariżi. B'danakollu din art twelidu, Birkirkara, s'issa baqgħet lura milli turi l-gratitudni tagħha lejh b'xi mod tassew tanġibbli, għaliex m'għamlet xejn ħlief li semmiet triq għalih.

Għalhekk il-Kunsill Lokali, id f'id mas-Soċjeta' Don Filippo Borgia, għandhom iqisuha bħala priorita' tagħhom, mhux biss li jwaqqfu monument perenni lill-akbar benefattur ta' Birkirkara u l-ewwel Prepostu, Dun Filippu Borg, iżda li f'post prominenti tal-maħbuba art twelidu, jittella' wkoll mafkar imponenti għal dan il-Karkariż u Malti kbir: il-Kavallier Vincenzo Borg Brared.